MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Numru 631/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**vs**

**NAZZARENO BUHAGIAR**

**Illum, 26 ta' Novembru, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Nazzareno Buhagiar ta' 33 sena, bin Joseph u Vincenza nee' Baldacchino, imwieled Valletta, fit-13 ta' Ottubru 1970 u residenti: 'Freddie Helly', Flat 2, New Street off Notabile Road (Imriehel), Birkirkara; Detentur tal-karta ta' l-Identita bin-numru 442470(M) gie akkuzat;

Talli fis-17 ta' Mejju 2003 ta' qabel u dawk ta' wara, f'Garage li jinsab fi Triq Bwieraq, Birkirkara, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozzizjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda

1. xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq u cioe' DVDs u CDs u dan bi ksur ta artikolu 289(1)(f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. bi qliegh jew bi skop ta kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe soft ware tal-computers bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe' *Twentieth Century Fox Film Corporation* u socjetatiet ohra, li taghhom is-socjeta *Patrick J. Galea Advocates* rappresentata minn Dr. Patrick J. Galea LL.D et hija rappresentanti, protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. ukoll talli irrenda ruhhu recediv b'diversi sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datati: 30-09-91; 04-04-95; 26-01-98; liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni taghHa, f'kaz ta' htija, thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif ikkontemplat fl-Artikulu 31 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f'kaz ta' htija, barra li tinfligi il-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti. Kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-Nazzareno Buhagiar ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok BZ2 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-ewwel akkuza li hi nkwadrata fl-Art. 298(1)(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza li hi nkwadrata fl-Art. 298B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel akkuza.

Innutat ukoll li fl-istess Verbal tas-Seduta ta' llum Dr Roberto Montaldo ghall-imputat u l-Ispettur Bernard Zarb iddikjaraw inkwantu tal-akkuza tar-recidiva huma jaqblu li fid-dawl tad-dati tas-Sentenzi ndikati fl-istess akkuza din l-akkuza ma tirrizultax.  Ghaldaqstant l-Ufficjal Prosekutur talab li l-Qorti anki rigward l-akkuza tar-recidiva l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Inoltre nnutat l- l-imputat ammetta t-tieni akkuza li tirrigwarda l-ksur tal-Art. 298B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u tat lill-imputat ftit taz-zmien biex jiddeciedi jekk jikkonfermax tali ammissjoni jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk iridx jikkonferma l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza li tirrigwarda l-ksur tal-Art. 298B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18 u 298B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Issib lill-imputat Nazzareno Buhagiar, fuq ammissjoni, hati tat-tieni akkuza li tirrigwarda l-ksur tal-Art. 298B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u tikkundanna lill-istess imputat Nazzareno Buhagiar ghall-piena ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000) multa.

Inkwantu ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda l-ksur ta' l-Art. 298(1)(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza li tirrigwarda l-ksur tal-Art. 298B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza.

Rigward l-akkuza tar-recidiva, fid-dawl ta' dak diga' riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u cioe' dak dikjarat minn Dr. Roberto Montaldo ghall-imputat u l-Ispettur Bernard Zarb fil-Verbal tas-Seduta ta' llum rigward din l-akkuza u it-talba tal-Ufficjal Prosekutur li l-Qorti anki rigward din l-akkuza tar-recidiva tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza tar-recidiva.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-Art. 31 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi il-licenzja tal-imputat Nazzareno Buhagiar mahruga mill-awtorita' regolatorja, f'dak li ghandu x'jaqsam ma' l-esekuzzjoni ta' dik l-attivita' kummercjali ghall-zmien ghoxrin (20) gurnata millum.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-Art. 23 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti formalment fis-Seduta ta' llum mill-Ispettur Bernard Zarb bhala Dok. BZ5, liema Spettur ipprometta li dawn l-oggetti kollha igibhom materjalment fir-Registru ta' din il-Qorti entro 48 siegha millum. Ghall-fini ta' tali distruzzjoni il-Qorti tinnomina lir-Registratur tal-Qrati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------